TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 56/11

**Roderick K. Grech**

**vs**

**Hi Brand Ltd.**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta'sitt mija u tmienja u disgħin ewro (€698) u spejjeż relatati, rappreżentanti prezz ta'arloġġ 'Sector'li ħadu għal tibdil ta' batterija li minkejja li sar it-tibdil tal-batterija, meta użah daħal l-ilma fl-arloġġ.

L- intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-arloġġ tiegħu sabiex tinbidillu l-batterija, pero' jidher li t-tiswija ma saritx professjonali, peress li wara li wżah fl-ilma beda jidħol l-ilma u għalhekk ma kienx *waterproof*, bil-konsegwenza li qed jitlob il-prezz tiegħu.

L-intimat issottometta illi l-arloġġ ma ġiex lura għandu sabiex jiġi iċċekjat u l-ilma seta' daħal faċilment peress li jkun laqat xi buttuna jew ikun għafas l-*istop watch* waqt li kien taħt l-ilma.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal għandu d-dubju fuq kif seta'daħal l-ilma u mhux konvint li dan sar tort tal-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**